# Il-Lampier il-Prim u l-Linef jagħlqu mitt sena



*minn* **Joseph BORG**

F'Awwissu ta' din is-sena, il-lampier il-prim tal-fidda u s-sitt linef tal-kristall li jżejnu r-Rotunda fil-ġranet għeżież tal-Festa Titolari tagħna u dawk tal-Milied jagħlqu mitt sena fostna. Kienu żżanżnu fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija ta' l-1902. Min jaf kemm ferħu missirijietna meta rawhom imdendlin għall-ewwel darba ġewwa r-Rotunda! Għadna nifirħu aħna wkoll kull meta għal Santa Marija u għall-Milied narawhom iżejnu l-Knisja Arċipretali tagħna. Huma żewġ opri sbieħ li rnexxew mija fil-mija, li kienu u għadhom jagħmlu ġieħ lil min iddisinjahom u għamilhom kif ukoll lil kulmin ħadem biex saru.

Il-lampier il-prim tal-fidda kien ġie ordnat għand id-ditta tas-Sinjuri G.C. Busuttil (Ir-Ramli) tal-Belt Valletta. Kienet imbagħad id-ditta msemmija Tanfani ta' Ruma li ħadmitu b'sengħa kbira, b'ordni tal-wisq ħabrieki prokuratur li kellha l-knisja tagħna dak iż-żmien, Dun Anġ Camilleri minn Ħaż-Żabbar.

Id-disinn kien ġie saħansitra approvat b'ferħ u ammirazzjoni mill-Isqof Mons. Pietru Pace. Skond il-piżatur, is-sur Pawlu Pace, il-lampier kien ġie jiżen 89 ratal u tliet kwarti filwaqt li l-konslu kien iddikjara li t-titolu tal-fidda tal-lampier kien ta' 900.

## Il-Ħolma ta' Margerita Grech

L-ewwel ħsieb li jsir dan il-lampier kien ta' ċerta Margerita Grech, xebba twajba mill-Mosta, devota kbira ta' Ġesù Sagramentat. Din fi żmien il-Kappillan Mosti Dun Franġisk Camilleri kien diġà rnexxiela tiġbor kwantità kbira ta' ewwieq tal-fidda u flus. Ġara imma li minħabba l-mewt ħesrem tal-Kappillan Camilleri, il-flus minnha miġbura għal dan il-għan, waqgħu f'idejn il-prokuratur tal-knisja Dr. Dun Piet Magri.



Laħaq imbagħad il-Kappillan Dun Lawrenz Sciberras, li dam biss sitt xhur. Laħaq warajh Dr. Dun Pawl Xuereb li sar l-ewwel Arċipriet tal-Mosta. Wara l-mewt bikrija ta' l-Arċipriet Xuereb laħaq floku Dr. Dun Ġwann Sarreo li seba' snin wara li kien ilu Arċipriet tal-Mosta, ġie avviċinat mill-prokuratur Dun Anġ Camilleri biex l-opra mibdija tal-lampier u tant mixtieqa, titkompla.

Sar għalhekk il-ftehim mad-ditta Busuttil u hekk il-fabbrika Tanfani bdiet ix-xogħol. Dan kollu seħħ wara li Dun Anġ indaħal biex jagħmel tajjeb għal din l-opra bl-ipoteka ta' ġidu kollu. B'hekk Dun Anġ wera l-ħeġġa tiegħu biex setgħet issir din l-opra. Wera wkoll kemm dan is-saċerdot Żabbari ħabb lill-knisja tagħna. Fl-aħħar il-ħolma ta' Margerita Grech seħħet tabilħaqq.

## Is-sur Rafel Caruana Dingli

Dehra tassew sabiħa joffri l-lampier imdendel kif inhu mill-għoli ta' nofs il-koppla meraviljuża ta' Grognet. It-tliet brazzi imponenti li għandu, il-pedestallata li terfa' it-tazza tan-nofs, id-disa' armi tal-mużajk, il-katina u l-kuruna li tinkurunah flimkien ma' ornamenti oħra li jżejnuh jiffurmaw flimkien opra verament artistika denja tassew tar-Rotunda.

Quddiemu bilfors li jiġik li tistaqsi min kien li għamel id-disinn tiegħu. Nafu li kien iddisinjah is-sur Rafel Caruana Dingli (1851 - 1927) artist umli li kien joqgħod il-Mosta. Barra mid-disinn tal-lampier, Caruana Dingli, kien iddisinja wkoll għall-knisja tal-Mosta, il-baldakkin irrakkmat il-prim, il-kanopew irrakkmat tal-festa, l-istandard il-prim tas-Sagrament u l-bandiera tal-Vjatku. Dawn l-opri msemmija kienu nħadmu fil-fabbrika Fanfani ta' Ruma.

Fl-1906 iddisinja wkoll il-paviment sabiħ tal-presbiterju u l-kor. Semmejna dawn l-opri kollha biex nuru ta' liema ħila kien dan id-disinjatur tal-lampier tal-knisja tagħna.

## Fjokk u Anġli tal-Lampier

Mal-lampier kienu żżanżnu wkoll il-fjokk li naraw imdendel fuqu u t-tliet anġli b'simboli f'idejhom li kienu

jintramaw fuq il-fjokk. Il-fjokk bl-induratura u l-bellus bir-rakkmu li fih, kien sewa'£20, filwaqt li t-tliet anġli li llum m'għadhomx jintramaw fuqu, xogħol ta' Karlu Darmanin, qamu 12-il lira. B'kollox il-lampier sewa £523 lira u 15-il xelin.

Għall-ewwel il-lampier ma kienx jintrama mdendel minn fejn narawh illum, iżda kien jintrama iżjed il-quddiem.

Fl-imgħoddi kien idum imdendel mill-Milied sat-Tre Re u kien jintrama wkoll għall-festa ta' San Paċifiku. Intrama wkoll f'xi okkażjonijiet speċjali bħal fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku ta' l-1913, iċ-Ċentinarju Pawlin ta' l-1960 u fil-Festi Ċentinarji tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja ta' l-1971.

## *IS-SITT LINEF TAL-KRISTALL*

L-opra l-oħra li mal-l;ampier qed tagħlaq ukoll mitt sena hija dik tal-linef li jiddendlu fis-sitt kappelli tar-Rotunda. Huma sitt linef sbieħ u eleganti u joqogħdu ferm tajjeb u jixirqu wisq lill-knisja tagħna. Huma tal-kristall tal-Boemja, pajjiż magħruf għal finezza tal-kristall tiegħu. Saru bit-tħabrik ukoll tal-Prokuratur Dun Anġ Camilleri bl-għajnuna wkoll ta' diversi benefatturi u mill-fdal li kien jibqa' ta' kull sena x'ħin jitħallsu l-ispejjeż tas-siġġijiet tal-knisja.

Is-sitt linef biss swew 138 lira u bix-xogħol tal-komunikazzjoni ta' l-aċitilena u xi oġġetti oħra intelgħu 214-il lira, 18-il xelin u 11-il sold u nofs. Sakemm fil-Mosta daħal id-dawl elettriku, kienu jinxtegħlu bl-aċitilena u x-xemgħat tagħhom kienu jkunu naturali. Fil-bidu kienu jiddendlu minn fuq il-gwarniċun ta' taħt it-twieqi tat-tanbur u mingħajr fjokki. Il-fjokki sbieħ li naraw illum saru madwar 75 sena ilu. Żgur li bihom il-



linef ġew jidhru aktar imponenti.

Lampier u linef, żina denja tal-knisja tagħna! Wirt għażiż minn dak li ħallewlna missirijietna! Aħna fid-dmir li nibżgħu għalih u hekk ngħadduh lil ta' warajna, kif aħna writnieh minn dawk ta' qabilna.

*15 ta' Jannar, 2002.*

**Referenzi:**

1. *Tifkira għażiża tas-Saċ. Dun Anġ Camilleri* - a) Il-Lampier tal-fidda ta' quddiem is-Sagrament li sar fl-1902.
   b) Is-Sitt Linef tal-kristall u l-Komunikazzjoni ta' l-aċitilena mal-Knisja ġew imżanżna fil-Festa ta' Santa Marija ta' l-1902.
2. *Storja tal-Mosta* miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn - paġni 293-294.
3. Il-Famuż Lampier tal-Fidda li Ghandha r-Rotunda - Joseph Borg. *Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard*, Mosta 1995, paġni 39-42.
4. *Musta - Its Memories and Charms* - Rev. Edgar W. Salomone, 1911- paġni 26-27.
5. *Il-Mosta* - Awwissu/Settembru 1977- Opri Sbieħ li Ghandha l-Knisja Arċipretali Tagħna (2), Il-Lampier - Joseph Borg.
6. *Il-Mosta* - Frar/Marzu 1978 - Opri Sbieħ li Ghandha l-Knisja Arċipretali Tagħna(5), Il-Pittura - Joseph Borg.

## *Errata Corrige*: Vers 8 u Mhux Vers 6

*Is-sena l-oħra f'artiklu li ktibt dwar il-Profeti tal-Lunetti li għandna fil-Knisja Arċipretali, dwar il-Profeta Sofonija u l-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet, bi żball kont ktibt li din il-profezija tidher f'Sofonija Kap III, vers 6. Mentri riedet tiġi Sofonija, Kap III, vers 8, kif inhi fil-pittura. It-8 vers ta' dan il-Kap jgħid: "Għalhekk stennewni, jgħid il-Mulej, meta nqum nixhed kontra tagħkom." Żgur li dan il-vers huwa referenza iżjed ċara għar-Reżurrezzjoni ta' Kristu. Dan ġara, għax meta kont qed nieħu n-notamenti dwar x'hemm miktub taħt kull profeta, it-8 rajtu 6. Niskuża ruħi mal-qarrejja ta' dan l-annwal għal dan l-iżball.*

**Joseph Borg**